# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 25 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 25/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Gimgha, 17 ta' Frar 2012 fis-7.00pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Spiteri | V/Sindku Valletta |
| Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur  Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Stephen Caruana | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Isla
Sindku Zejtun
Sindku Fgura
Sindku Paola
Sindku Xghajra

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-7.00pm

**25.1** **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 24/2012 mizmuma fit-23 ta' Jannar 2012  kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 25.2 Punti Mqajjma

### 25.2.1 LES

25.2.1.1 Il-President informa lil dawk prezenti li l-Bord tal-Agudikazzjoni tat-Tender tal-LES gie mghajjat biex jidher fil-15 ta' Frar 2012 quddiem bord ta' investigazzjoni tal-General Contracts Committee wara lment ta' Aurelia Enforcement Ltd. Prezenti kien hemm is-Segreatrju Ezekuttiv u l-Authorised Officer. Il-bord ghandu jkompli bl-agudikazzjoni fl-14 ta' Marzu 2012. Tender LES

25.2.1.2 Wara l-hafna lmenti dwar is-servizz tal-Wardens minn diversi Sindki, gew imhejjija zewg schedules tal-Wardens. Is-Sur Ernest Tonna pprepara wahda li tkopri l-Belt, il-Furjana u l-Marsa, waqt li s-Sur John Bonavia prepara ohra li tkopri l-kumplament tar-Regjun. Proposta ta' Schedule tal-Wardens
Dawn ix-schedules gew imqassma lil dawk prezenti izda ma kienx hemm hin biex jigu diskussi ghalhekk dawn ser ikun fuq l-Agenda li jmiss.

25.2.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv baghtet dokument lis-Sindki kollha tar-Regjun, li juri c-citazzjonijiet li naghtaw mill-Pulizija fil-lokalitajiet kollha tar-Regjun ghal-perjodu mill-1 ta' Settembru 2011 sas-6 ta' Frar 2012 - wara li saru lmenti minn Sindki li xi Pulizija qed jghatu citazzjonijiet fis-satra tal-lejl. Dawn ser ikun diskussi mas-Supretendednt tad-Distrett relattiv. Citazzjonijiet tal-Pulizija

25.2.1.4 Dokument iehor li gie mqassam f' din il-laqgha fuq talba ta' xi Sindki, kien juri n-numru ta' citazzonijiet mghotija f' kull lokalita ghal perijodu Jannar 2011 sa Jannar 2012. Numru ta' Citazzjonijiet 2011

25.2.1.5 Is-Sindku tal-Marsa informa r-Regjun li bhalissa fiz-zona tal-Marsa hemm ghaddej progett ta' kostruzzjoni tat-toroq. Ghalhekk gie deciz li temporanjament ma jintbaghtux Wardens fil-Marsa. Talba tas-Sindku tal-Marsa

25.2.1.6 **Sterling Security**

25.2.1.6.1 Kien ghad hemm invoice pendenti 13586 tal-5 t' Ottubru 2012 kontestata ta' Sterling Security dwar installazzjoni ta' Camera fil-Fgura. Illum dawk prezenti unanimament qabblu li dan il-hlas li jammonta ghal €295 ghandu jsir meta wiehed jikkonsidra l-ammont sostanzjali li r-Regjun ghandu jhallas lil din il-Kumpanija. Sterling Security

25.2.1.6.2 Waslu lmenti dwar citazzjonijiet mahruga minn Sterling Security dwar Speeding Violation fejn f' kaz partikolari gie mharrek **JKM**001 u ntghatet lis-sid ta' **JMK**001. Kaz iehor juri ritratt vera skur u ta' kwalita hazin li tiddubita l-identita' tal-karozza (Violation 751227). Dawn ghadhom jigu a konjizzjoni tal-kumpanija.

25.2.1.6.3 Il-President gie nfurmat permezz ta' ittra mibghuta fl-14 ta' Frar 2012, mill-istess kumpanija li din ser tgholli r-rata tas-servizz tal-Gwardjani Lokali wara Ftehim Kolletiv u zidiet fl-ispejjez kapitali u kurrenti b' effett mill-1 t' April 2012 b' €2 eskluzil-VAT fis-siegha.

25.2.1.7 **Prosekuturi**

Regward Prosekuturi li joffru servizz f' dan ir-Regjun, l-President qed jitlob li minnufih, jigu mibghuta kopji lir-Regjun, ta' dokumenti iffirmati u mhumiex, appellati u mhumiex, li juru l-ismijiet, l-kundizzjonijiet/specifikazzjonijiet u rati prezenti tal-Prosekuturi. Prosekuturi

25.2.2 **Haddiema tat-Tribunali Lokali** Haddiema tat-Tribunali Lokali

Permezz ta' e-mail datata 3 ta' Frar, 2012, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lis-Segretarji tar-Regjuni li kellhom ihallsu lill-haddiema tat-Tribunali ghas-**servizzi** taghhom immedjatment. Din xorta ma solvietx is-sitwazzjoni ta' dawn il-haddiema. Permezz ta' email tas-6 ta' Frar 2012 id- Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lis-Segretarji Regjonali li dawn ghandhom jimxu mal-Art, 25 tar-Regolamenti dwar il-Kumitati Regjonali (LS 363.160) u ma' l-Art 27(3) u li kull hatra trid issir skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u ligijiet relattivi. Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali wara sejjah laqgha ghas-Segretarji Ezekuttivi u giet diskussa din is-sitwazzjoni fejn gie deciz li ghandha tinzamm laqgha mid-Dipartment u r-Regjuni ma' l-ETC, izda li sal-lum ghada ma gietx iffisata.

25.2.3 **Logo ghar-Regjun** Logo

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li s-Sur Adrian Strickland ma kienx ghadu iffirma l-Logo approvat mir-Regjun wara li kien gie rfinat teknikament mis-Sur Anthony Degiovanni. Id--Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab li jergghu jintbaghtulu l-Logos tas-Sur Strickland u s-Sur Degiovanni.
Ir-Regjun ghal issa jibqa jistenna approvazzjoni formali mid-Dipartiment.

## 25.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

25.3.1 ***Financial Statements* 2011** Financial Statements 2011

Prezenti ghal din il-laqgha kien hemm is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar, rapprezentanti ta' Mazars, l-Accountants tar-Regjun, peress li kienu hejjew il-Financial Statements tar-Regjun ghal-perijodu Awissu 2010 sa Dicembru 2012.
Spjegaw li r-rapport juri l-aspett finanzjarju minn meta beda effitivament beda jopera r-Regjun ie minn Awissu 2010 peress li sal-lum ghadu hadd ma provda d-data ezatta mill-ligi.
Sa l-ahhar tas-sena 2011 kienu thallsu biss €148,680 f' kontravenzzjonijiet u ma kien hemm l-ebda seduta ta' Tribunal Lokali. Kien ghad hemm dovuti €380,000 f' kontravenzjonjiet mhux imhallsa. Wara konsultazzjoni mal-NAO u li gie segwit, dawn ta' l-ahhar ghadhom ikunu kunsidrati daqs li kieku mhux ser jigu migbura u ghalhekk ir-Regjun spicca b' deficit ta €78,000.
Is-Sindku tal-Kalkara ma qabilx ma' dan peress li ghad hemm il-potenzjal li jigu mhallsa xi haga minnhom, peress li hemm titolu legali fuq il-hlas taghhom jew wara li jigu agudikati u li mqar jigi rikonoxxut li jistghu jithallsu madwar 50% minnhom. Staqsa dwar il-forecast ta' kif ser jsir qliegh fix-xhur li gejjin.
Peress li dan jista' jkun punt legali, allura ghandu jinkiseb parir legali fuqu.
Meta wiehed iqies li r-Regjun hu haga gdida ma kienx hemm *data* bizzejjed - budget seta' jigi bbazat biss fuq informazzjoni ta' Datatrak. Skond Datatrak hemm indikazzjoni li mill-inqas bejn 20% u 25% mic-citazzjonijiet jibqghu ma jithallsux. Hemm bzonn aktar *data* biex jigi mfassal bugdet rejali biex jinbnew progetti mid-dhul - *data* hemm biss ta' 4 xhur revenue.
Hemm forecast ta' deficit u r-Regjun irid madwar 6 sa 9 xhur ohra biex jibda jqum fuq saqajh. L-ispejjez tas- *service providers* tal-LES kielu r-revenue li gie generat barra li l-introjtu hu baxx wisq. Din il-problema xorta ser tkun hemm wara sena peress li m' hemmx bizzejjed introjtu. Ghad hemm Kunsilli Lokali li ma jiddepositawx il-flus li jkunu gabru favur ir-Regjun. Is-Segretarju Ezekuttiv kitbet lil xi kunsilli dwar dan barra li d-Dipartment rega' hareg avviz iehor dwar kull meta ghandhom isiru d-depoziti.
Is-Sindku tal-Kalkara semma' li l-perspettiva u l-attitudni tal-Wardens kompliet iddetorjorat is-sistema.
Il-*Financial Statements* gew approvati unanimament minn dawk prezenti.

Peress li d-deficit mhux sostenibbbli, din hi sitwazzjoni inkwetanti, ghalhekk hemm laqgha skedata mad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn ser tigi prezentata *data* aktar xentifika ghal *budget*.

**Hlasijiet**

25.3.2 Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*. Hlasijiet

25.3.3 **Sitwazzjoni Finanzjarja**

Ir-Regjun talab laqgha mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu li ghaliha ntalab li jkun prezenti wkoll l-Accountant tar-Regjun. Din ser tinzamm fl-1 ta' Marzu 2012. Sitwazzjoni Finanzjarja

25.3.4 **Hlas lil Datatrak** Hlas lil Datatrak

Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil dawk prezenti li d-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jesigi li jsir il-hlas kollu dovut lil LOQUS ghas-servizz tal-LES sal-24 ta' Frar 2012. Kemm il-Kumitat Kongunt kif ukoll ir-Regjun kienu u ghadhom jigu invoiced minn Datatrak I T Services Ltd u mhux minn LOQUS.
Ir-Regjun gja hallas l-invoices ta' Settembru u Ottubru bi qbil li jista jkun li l-quddiem l-invoices jigu riveduti. Dawk prezenti unanimament qabblu li s-sitwazzjoni finanzjarja li qieghed fiha r-Regjun bhalissa ma tippermettix li ghal issa jsir il-hlas barra l-fatt li qed issir analizi tal-invoices minhabba d-differenza kbira fl-ammont indikat fl-invoices sa Dicembru 2011 u dak ta' Jannar 2012. Ta' min jinnota li l-*Performance Rate* qed tigi bbazata minn Datatrak fuq minn meta bdew din is-sistema (2000) li ma tirriflettiex ir-rejalta meta wiehed iqis li r-Regjun gie delegat is-sistema tal-LES mill-1 ta' Settembru 2011. Minn analizi li saru jirrizulta li l-*Performance Rate* milhuqa mir-Regjun s' issa, tkun ferm aktar baxxa.

25.3.5 **Hlas ghal tindif tat-Tribunal tal-Fgura**

Is-Segretarju Ezekuttiv irceviet invoice ghal *Maid service* ta' €52.08 minghand il-Kunsill Lokali tal-Fgura. Gie deciz li qabel ma jsir il-hlas, il-Kunsill Lokali tal-Fgura ghandhom jigu prezentati d-dokumenti fejn juru kif inkera il-fond tat-Tribunal tal-Fgura lill-Kumitat Kongunt. Tindif Tribunal Fgura

## 25.4 <u>Affarijiet Ohra</u>

25.4.1 **Tender for the Provision Authorised Officer Services** Tender AO

Dawk prezenti gew infurmati li fl-24 ta' Jananr 2012 gie pubblikat it-Tender ghal-Authorised Officer ghar-Regjun. Barra li gie publikat f' medja lokali, gie pubblikat fl-EU Journal ukoll. L-offerti jghalqu fil-15 ta' Marzu 2012.

25.4.2 **Appraisal Report tas-Segretarju Ezekuttiv**

Ir-Regjun ircieva l-approvazzjoni minghand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Appraisal Report tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2011. Appraisal Seg Ezek

25.4.3 **Best Practice Award Programme 2012**

Is-Segretarju Ezekuttiv qassmet cirkolari mahruga mill-Kunsill tal-Ewropa rigward Best Practice Award Programme 2012 lil Kunsilli kollha li gew imhegga jippartecipaw. Best Practice Award Programme 2012

25.4.4 **Ufficcju Regjonali**

Dawk prezenti gew infurmati li bhalissa l-unika haga li jonqos biex ir-Regjun imur fl- Ufficcju Regjonali

Ufficcju tieghu hi l-approvazzjoni ta' permess min-naha tal-KNPD.

**25.5 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament**

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00pm.
Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012 fis-7.00pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

____________________________ ____________________________

**Chev. Paul Farrugia** **M' Lourdes Lautier**
**President** **Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ________________, _______ ta'___________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar)